# Ġ 4.2 IT-TEMP



**Ġ4.2.5**
Nirriċerkaw l-effetti tat-temp estrem fuq l-ambjent u fuqna l-bnedmin.

## A. Immarka t-tweġiba t-tajba.



1. Meta tagħmel ħafna xita f'daqqa jkollna (għargħar, terremot, tsunami, bnazzi).
2. Meta ddum ħafna ma tagħmel xita, ikollna (għargħar, nixfa, terremot, tsunami).
3. Meta jagħmlu maltempati ħorox ġieli (jinxfu l-widien, jinqata' d-dawl, ikollna ħafna frott, tinżera' l-patata).
4. Meta tagħmel nixfa kbira (jinħoloq mewġ kbir, ikollna ħafna iktar frott mis-soltu, jinqatgħu l-linji tat-telefon, ikollna nuqqas ta' ilma għax-xorb).

## B. Aħseb u irrispondi.

1. Sajjied iddeċieda li mhux galbu joħroġ jistad. Ir-riħ kien (ħafif mill-Punent, qawwi mill-Majjistral).

2. Fl-istaġun tax-xitwa għamlet ħafna xita. Fis-sajf, bidwi li għandu ħafna raba' seta' jsaqqi bil-kumdità. Għaliex seta' jagħmel hekk?

   ______________________________________________

   ______________________________________________

3. Semmi żewġ okkażjonijiet meta x-xita tista' tkun ta' ħsara.

   a) ______________________________________________

   b) ______________________________________________

## Ċ. IT-TEMP ESTREM



**Aqra dan li ġej:**

B' **temp estrem** nifhmu meta tagħmel kesħa kbira, jew ħafna sħana (*heat-wave*) jew inkella pereżempju ħafna xita f'daqqa.

Issa wieġeb dawn il-mistoqsijiet:

1. Semmi ħsara li tista' tiġri meta ddum ma tagħmel ix-xita, jiġifieri jkun hawn nixfa kbira ______________________________________________.

2. Semmi ħsara li tista' tiġri meta tagħmel ħafna xita f'daqqa, jiġifieri jkun hawn l-għargħar __________________________________________.

3. Semmi mod wieħed kif il-bniedem jista' ma jħallix l-għargħar jagħmel ħafna ħsara ___________________________________________________.

## D. Wieġeb dwar it-temp estrem:



1. Għaliex huwa ħażin li tagħmel ħafna xita f'daqqa?

   Semmi żewġ raġunijiet.

   a) ______________________________________________________

   b) ______________________________________________________

2. Għaliex huwa ħażin meta ma tagħmilx biżżejjed xita?

   Semmi żewġ raġunijiet.

   a) ________________________________________

   b) ________________________________________



E. **Wieġeb dwar it-temp estrem.**

**Aqra: (mill-aħbarijiet ta' nhar il- 21 ta' Frar, 2009)**

**Aħbar A: Maltempata fuq Malta**



" ............ Maltempata qalila ħakmet il-Gżejjer Maltin ilbieraħ wara nofsinhar. F'siegħa bejn is-2.00pm u t-3.00pm niżlu madwar 50 millimetru xita. Il-Protezzjoni Ċivili avżaw lin-nies biex jevitaw postijiet fil-baxx bħal Birkirkara u l-Imsida......... "

**Semmi żewġ ħsarat illi taħseb li saru bil-maltempata msemmija:**

1. Ħsara A:

________________________________________

________________________________________

2. Ħsara B:

________________________________________

________________________________________

F. **Inti x'għandek tagħmel f'sitwazzjoni bħal din?**

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

## G. Wieġeb dwar it-temp estrem:

Ħafna xita f'daqqa, għargħar, żmien twil mingħajr xita, nixfa, dawn huma kollha eżempji ta' TEMP ESTREM.

Ikteb **żewġ problemi** oħra taħt kull kolonna. Ara l-eżempji.

| GĦARGĦAR | NIXFA |
|---|---|
| Eżempju: jaqgħu l-ħitan tas-sejjieħ  | Eżempju: ir-raba' ma jagħtiniex frott  |
| 1. ______________________________<br>______________________________<br>______________________________<br><br>2. ______________________________<br>______________________________<br>______________________________ | 1. ______________________________<br>______________________________<br>______________________________<br><br>2. ______________________________<br>______________________________<br>______________________________ |